A.L. 211ta' l-2003

REGOLAMENTI TA' L-2003 DWAR IL-ĠARR STRADALI TA' MERKANZIJA PERIKOLUŻA BIL-VETTURI BIL-MUTUR

TAQSIMA I

PRELIMINARI

Regolament

1. Titlu u bidu fis-seħħ.
2. Tifsir.

TAQSIMA II

IL-MOD TA' ĠARR TA' MERKANZIJA PERIKOLUŻA

3. Limitazzjoni u projbizzjoni ta' trasport ta' merkanzija.
4. Trasport bl-ajru jew bil-baħar.
5. Applikazzjoni ta' Skedi u l-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR.
6. Derogi.
7. Awtorizzazzjoni għal trasport uniku.
8. Perteċipanti fit-trasport ta' merkanzija perikoluża.
9. Vetturi diġà reġistrati.

TAQSIMA III

VERIFIKA TA' TRASPORT TA' MERKANZIJA PERIKOLUŻA

10. Verifika u azzjoni ta' infurzar.
11. Postijiet ta' kontroll.
12. Ċertifikat ta' verifika u post ta' spezzjoni.
13. Immobilizzazzjoni ta' vetturi b'infrazzjoni.

TAQSIMA IV

KONSULENTI TAS-SIGURTÀ

14. Eżenzjoni.
15. Ħatra ta' konsulenti tas-sigurtà.
16. Id-doveri tal-konsulenti tas-sigurtà.
17. Ċertifikazzjoni ta' konsulenti tas-sigurtà.
18. Ċertifikat tad-DGSA.
19. Rapporti.
20. Eżamijiet.

TAQSIMA V

IT-TRASPORT TA' SUSTANZI
U OĠĠETTI SPLUŻIVI

21. Eżenzjoni.
22. Materjal għall-ippakkjar.
23. Vetturi ġodda tajbin għat-triq.
24. Vetturi eżistenti tajbin għat-triq.
25. Ċertifikazzjoni tax-xufier.

TAQSIMA VI

REKWIŻITI ĠENERALI DWAR IL-KONFORMITÀ TA' ĊERTI
VETTURI U Ċ-ĊERTIFIKAZZJONI TA' L-EKWIPAĠĠI BIEX
IĠORRU MERKANZIJA PERIKOLUŻA

26. Applikabbiltà.
27. Rekwiżiti ġenerali ta' vettura.
28. Ċertifikazzjoni tal-vettura.
29. Rekwiżiti ta' vettura.
30. Vetturi eżistenti mhux iċċertifikati.
31. Ċertifikazzjoni tax-xufiera.

TAQSIMA VII

L-UŻU TA' TANKIJIET, KONTENITURI TAT-TANKIJIET, KONTENITURI TA' GASS B'ELEMENT MULTIPLU (MEGCS), TANKIJIET *DEMOUNTABLE* U TAGĦMIR TRASPORTABBLI TA' PRESSA

32. L-użu ta' tankijiet, kontenituri tat-tankijiet, eċċ.
33. Ċertifikat ta' konvenjenza.
34. Tankijiet eżistenti li qed joperaw.
35. Spezzjonijiet u verifiki.
36. Tagħrif bil-miktub.
37. Projbizzjoni ta' l-użu ta' tankijiet eċċ.
38. Immarkar
39. Dokumentazzjoni.

TAQSIMA VIII

TAĦRIĠ TA' PERSUNI INVOLUTI FIL-ĠARR TA' MERKANZIJA PERIKOLUŻA

40. Taħriġ ta' persunal.
41. It-taħriġ għandu jipprovdih min iħaddem.
42. Xorta u vastità tat-taħriġ.
43. Dettalji tat-taħriġ ta' l-impjegat.

L-EWWEL SKEDA

Lista ta' Verifiki

IT-TIENI SKEDA

Kontravenzjonijiet

IT-TIELET SKEDA

Id-dmirijiet tal-Konsulent tas-Sigurtà

IR-RABA' SKEDA

Kwalifiki għaċ-Ċertifikat tad-DGSA

IL-ĦAMES SKEDA

Ċertifikat ta' taħriġ bħala Konsulent tas-Sigurtà għat-trasport ta' merkanzija perikoluża

IS-SITT SKEDA

Ċertifikat ta' approvazzjoni għal vetturi li jġorru ċerta merkanzija perikoluża

IS-SEBA' SKEDA

Mudell taċ-ċertifikat għat-taħriġ ta' xufiera ta' vetturi li jġorru merkanzija perikoluża

A.L. 211 ta' l-2003

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA (KAP. 332)

Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija Perikoluża bil-Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 54 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u ta' l-artikolu 27 ta' l-Att dwar l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta u bil-għan li jiddaħħlu fis-seħħ id-Direttiva tal-Kunsill Nru 94/55/KE tal-21 ta' Novembru 1994, id-Direttiva tal-Kunsill Nru 95/50/KE tas-6 ta' Ottubru 1995 u d-Direttiva tal-Kunsill Nru 96/35/KE, il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Taqsima 1

PRELIMINARI

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija Perikoluża bil-Vetturi bil-Mutur.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għat-trasport jista' jistabbilixxi permezz ta' avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti u għanijiet differenti tar-regolamenti.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"ADR" tfisser il-Ftehim Ewropew dwar il-Ġarr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija Perikoluża, konkluż f'Ġinevra fit-30 ta' Settembru 1957, kif emendat, inklużi l-Anness A u l-Anness B ta' l-imsemmi Ftehim kif emendat. F'dan il-Ftehim, it-terminu

"Parti Kontrattwali" għandu jfisser jew it-terminu "Malta" jew it-terminu "Stat tal-Ftehim" kif meħtieġ;

"attivitajiet" tfisser il-ġarr stradali ta' merkanzija perikoluża u tinkludi kull tagħbija, tagħbija mħallta, u ħatt meħtieġ;

"Awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta kif stabbilita bl-Att dwar l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta;

"awtorizzazzjoni" tfisser kull awtorizzazzjoni mogħtija f'kull forma mill-awtorità kompetenti skond u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"azzjoni ta' infurzar" tfisser kull miżura ta' dixxiplina, amministrattiva jew penali, sanzjonijiet jew penalitajiet li jistgħu jiġu imposti mill-awtorità kompetenti fuq kull vettura jew persuna li twettaq nuqqas, kif jista' jkun preskritt minn żmien għal żmien;

"Ċertifikat DGSA" tfisser ċertifikat ta' taħriġ vokazzjonali għal Konsultent dwar Sigurtà minn Oġġetti Perikolużi, maħruġ fl-għamla indikata fil-Ħames Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

"Komunità" tfisser il-Komunità Ewropea;

"konsulent tas-sigurtà għat-trasport ta' merkanzija perikoluża", minn issa 'l quddiem imsejjaħ "konsulent", tfisser kull persuna maħtura mill-kap ta' impriża li għandha r-rwol li twettaq il-ħidmiet u tissodisfa l-funzjonijiet definiti fir-regolament 16 u li jkollu ċ-ċertifikat ta' taħriġ kif maħsub fir-regolament 17;

"korp li jeżamina" tfisser kull korp maħtur mill-awtorità kompetenti biex jieħu ħsieb l-eżamijiet;

"Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea;

"impriża" tfisser kull persuna naturali jew legali, kemm jekk tagħmel jew ma tagħmilx qligħ, kull assoċjazzjoni jew grupp ta' persuni mingħajr personalità ġuridika, kemm jekk tagħmel jew ma tagħmilx qligħ, u kull korp ieħor li jiġi taħt awtorità pubblika, kemm jekk għandu l-personalità ġuridika tiegħu jew li hu dipendenti fuq awtorità li għandha tali personalità, li jġorru, jgħabbu, iħottu jew jimmaniġġjaw oġġetti perikolużi jew igiegħlu li jinġarru u dawk li temporanjament jaħżnu, jiġbru, jippakkjaw jew jirċievu oġġetti bħal dawn bħala parti minn operazzjoni ta' trasport u huma lokalizzati fit-territorju ta' Malta jew tal-Komunità;

"Malta" għandha l-istess tifsira assenjata lilha fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"MEGC" tfisser kontenitur tal-gass b'element multiplu;

"oġġetti perikolużi" tfisser dawk is-sustanzi u oġġetti li t-trasport tagħhom fuq l-art hu projbit jew hu awtorizzat biss f'xi ċirkustanzi permezz ta' l-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR;

"pajjiż terz" tfisser kull pajjiż li ma hux Stat tal-Ftehim;

"Parti li tkun Stat" tfisser Parti li tkun Stat għall-Ftehim Ewropew dwar il-Ġarr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija Perikoluża, konkluż f'Ġinevra fit-30 ta' Settembru 1957, kif emendat, inklużi l-Anness A u l-Anness B ta' l-imsemmi Ftehim kif emendat;

"tagħmir trasportabbli ta' pressa" tfisser kull kontenitur u tank, inklużi tankijiet żarmati, tankijiet-maħżna, ċilindri, tubi, u ċilindri tal-pressa, użati għat-trasport ta' gassijiet jew sustanzi perikolużi oħra;

"trasport" tfisser kull operazzjoni ta' trasport fuq l-art minn vettura għal kollox jew parti f'toroq pubbliċi fit-territorju ta' Malta jew ta' Stat tal-Ftehim, inkluża l-attività ta' tagħbija, tagħbija mħallta, ħatt u immaniġġjar, koperti bl-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR, mingħajr preġudizzju għal xi arranġamenti stabbiliti mil-liġijiet ta' Malta jew ta' l-Istati tal-Ftehim, dwar l-obbligu fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' din ix-xorta. M'għandhiex tinkludi trasport li jsir għal kollox fil-limiti ta' arja magħluqa;

"trasport internazzjonali" tfisser it-trasport bejn żewġ jew aktar Partijiet li jkunu Stat, inkluż trasport lejn u minn Malta;

"triq pubblika" tfisser toroq nazzjonali, arterjali, distributorji, u toroq ta' aċċess u toroq ta' aċċess lokali;

"verifika" tfisser kull iċċekkjar, kontroll, spezzjoni, verifika jew formalità mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti għal raġunijiet ta' sigurtà inerenti fit-trasport ta' merkanzija perikoluża;

"vettura" tfisser vettura bil-mutur maħsuba għall-użu fuq l-art, kemm jekk hi kompleta jew m'hix, li għandha mill-anqas erba' roti u veloċità massima iddisinjata ta' aktar minn 25 kilometru fis-siegħa, u t-*trailers* tagħha, bl-eċċezzjoni ta' vetturi li ma jinsaqux

fuq linji u *tractors* agrikoli jew li joperaw fil-foresti u l-makkinarju mobbli kollu.

Taqsima II

IL-MOD TA' ĠARR TA' MERKANZIJA PERIKOLUŻA

Limitazzjoni u projbizzjoni ta' trasport ta' merkanzija.

3. (1) Bla preġudizzju għar-regolament 6 u għar-regolament 7 hawn taħt, merkanzija perikoluża li l-ġarr tagħha hu ipprojbit bis-saħħa ta' l-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR ma għandhiex tkun trasportata fuq l-art.

(2) Bla ħsara għal dak maħsub f'dawn ir-regolamenti, il-ġarr ta' merkanzija perikoluża oħra mniżżla fl-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR għandha tkun awtorizzata sakemm ikunu osservati l-kundizzjonijiet imposti fl-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR, u partikolarment fir-rigward ta':

(a) il-materjal għall-ippakkjar, l-ippakkjar, u l-immarkar tal-merkanzija in kwistjoni;

(b) il-kostruzzjoni, tagħmir u l-operazzjoni xierqa, inklużi l-immarkar u t-turija ta' tagħrif ieħor, tal-vettura, tankijiet, kontenituri, MEGCs, u reċipjenti, li jġorru l-merkanzija in kwistjoni;

(ċ) id-dokumentazzjoni, għodod għat-tifi tan-nar u tagħmir ieħor varjat biex jinġarr abbord mezzi tat-trasport.

(3) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għall-ġarr ta' merkanzija perikoluża b'vetturi li jappartjenu jew huma taħt ir-responsabbiltà tal-Forzi Armati ta' Malta.

Trasport bl-ajru jew bil-baħar.

4. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tar-regolament 3 hawn qabel, merkanzija perikoluża klassifikata, ippakkjata u immarkata skond ir-rekwiżiti internazzjonali għat-trasport bil-baħar jew bl-ajru, kull meta l-operazzjoni ta' trasport tinvolvi vjaġġ bil-baħar jew bl-ajru, tista' tkun trasportata fuq l-art mingħajr ir-rekwiżiti msemmija fl-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR sakemm il-vettura turi t-tagħrif kollu u x-xufier ikun awtorizzat li jġorr dik il-merkanzija.

(2) Kull dispożizzjoni fl-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR dwar l-użu tal-lingwi fl-immarkar rilevanti jew dokumentazzjoni ma għandhomx japplikaw għal operazzjonijiet ta' trasport limitati biss għat-territorju ta' Malta.

Applikazzjoni ta' Skedi u l-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR

5. (1) Bla ħsara għal dak maħsub f'dawn ir-regolamenti, l-Iskedi għal dawn ir-regolamenti u l-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR għandhom jagħmlu parti integrali minn dawn ir-regolamenti u għandhom japplikaw għal kull trasport ta' merkanzija perikoluża fuq l-art f'Malta.

(2) L-eżenzjonijiet kollha msemmija fl-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR għandhom ikunu applikabbli bl-istess mod għal kull trasport ta' merkanzija perikoluża fuq l-art f'Malta.

(3) Bla ħsara għal dak maħsub f'dawn ir-regolamenti, id-definizzjonijiet kollha msemmija fl-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR għandu jkollhom l-istess tifsira għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(4) Bla ħsara għal dak maħsub f'dawn ir-regolamenti, il-klassifikazzjoni ta' sustanzi jew oġġetti, kodiċi jew gruppi ta' klassifikazzjoni ta' gruppi ta' ippakkjar, u n-numri tan-Nazzjonijiet Uniti msemmija fl-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR għandhom japplikaw għal dawn ir-regolamenti.

Derogi.

6. (1) L-awtorità kompetenti tista' tagħti deroga temporanja mill-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR bl-iskop li jsiru f'Malta l-provi rekwiżiti, iżda fl-ebda waqt ma għandu jsir kompromess mas-sigurtà ta' l-ekwipaġġ tal-vettura jew tat-toroq miftuħa għall-pubbliku.

(2) Kull deroga msemmija hawn qabel għandha tkun applikata mingħajr diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità jew il-post ta' fejn ikun stabbilit il-konsenjatur, it-trasportatur u d-destinatarju.

(3) Derogi mogħtija skond id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament jistgħu jkunu estiżi għal perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin, liema perijodu jista' ma jiġġeddidx.

Awtorizzazzjoni għal trasport uniku.

7. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport uniku ta' merkanzija perikoluża li jew ikun projbit bl-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR jew li jkun se jsir taħt kundizzjonijiet differenti minn dawk imsemmija fl-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR.

(2) Awtorizzazzjoni bil-miktub għandha tkun meħtieġa għal kull trasport uniku kif imsemmi fil-paragrafu preċedenti.

Parteċipanti fit-trasport ta' merkanzija perikoluża.

8. Il-parteċipanti kollha fil-ġarr ta' merkanzija perikoluża, inkluża iżda mhux limitata għall-persuna tal-konsenjatur, trasportatur, destinatarju, xufier, min jgħabbi, min jippakkja, min jimla, l-operatur tat-tank-kontenitur jew tank li jinġarr, u dawk il-persuni kollha involuti fil-ġarr ta' merkanzija perikoluża għandhom jikkonformaw mar-

rekwiżiti u jissodisfaw l-obbligi kollha msemmija fl-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR.

Vetturi diġà reġistrati.

9. Bla ħsara għal-liġijiet ta' Malta li jkunu fis-seħħ fil-waqt li jkun regolat l-aċċess tas-suq, vetturi reġistrati jew li jiddaħħlu fiċ-ċirkolazzjoni għandhom ikunu awtorizzati li jwettqu trasport internazzjonali ta' merkanzija perikoluża f'Malta jekk it-trasport in kwistjoni jkun jikkonforma ma' dawn ir-regolamenti.

Taqsima III

VERIFIKA TA' TRASPORT TA' MERKANZIJA PERIKOLUŻA

Verifika u azzjoni ta' infurzar.

10. (1) Din it-Taqsima għandha tapplika għall-verifika u azzjoni ta' infurzar li jsiru mill-awtorità kompetenti fuq vetturi li jinsaqu f'Malta jew li jidħlu f'Malta minn pajjiż terz.

(2) Din il-Parti ma għandhiex, iżda, tolqot id-dritt ta' l-awtorità kompetenti, li twettaq verifika fuq trasport nazzjonali u internazzjonali ta' merkanzija perikoluża f'Malta li jsir minn vetturi mhux koperti mit-Taqsima II.

(3) Il-verifika li għandha ssir mill-awtorità kompetenti tvarja skond il-merkanzija li tkun qed tinġarr.

Postijiet ta' kontroll.

11. (1) Il-verifika kollha u l-azzjonijiet ta' infurzar imwettqa mill-awtorità kompetenti għandhom jaċċertaw il-konformità ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Għal dan l-iskop, il-verifika għandha ssir f'postijiet ta' kontroll fil-fruntieri u estensivament f'Malta kollha.

(3) Din it-Taqsima għandha *mutatis mutandis* tapplika għal operazzjonijiet ta' trasport bl-art li jsiru permezz ta' trasport reġistrat jew li jkun fiċ-ċirkolazzjoni f'pajjiż terz jew għal operazzjonijiet ta' trasport bl-art li jidħlu f'Malta mit-tali pajjiż terz.

Ċertifikat ta' verifika u post ta' spezzjoni.

12. (1) Fit-twettiq tal-verifika l-awtorità kompetenti għandha tirreġistra dak kollu li jirriżulta mill-ispezzjoni f'formola maħsuba għal dan fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. Kopja tal-lista ta' l-oġġetti verifikati jew ċertifikat li juri r-riżultat tal-verifika għandha tingħata lix-xufier tal-vettura;

Iżda bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu ta' qabel dan, il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, b'ordni jagħti lill-awtorità kompetenti d-dritt li twettaq miżuri addizzjonali speċifiċi għal verifika aktar dettaljata u azzjoni speċifika ta' infurzar.

(2) Il-verifika għandha ssir bla ebda pjan bil-quddiem u tista' ssir f'kull triq miftuħa għall-pubbliku.

(3) Il-postijiet magħżula għall-verifika għandhom jippermettu vetturi b'infrazzjonijiet biex jirrettifikaw fil-post kull nuqqas, jew, biex jinżammu maqbuda hemm jekk l-awtorità kompetenti li tkun qed twettaq il-verifika tikkunsidra li jkun meħtieġ jew xieraq li timmobilizza l-vettura u dan mingħajr ma tikkawża periklu għas-sigurtà.

(4) Il-verifika tista' wkoll ssir fil-bini ta' l-impriżi bħala miżura preventiva, jew, fejn ikunu reġistrati infrazzjonijiet li jipperikolaw is-sigurtà fit-trasport ta' merkanzija perikoluża, fil-ġenb tat-triq.

(5) It-tul tal-verifiki m'għandux jeċċedi tul raġjonevoli ta' ħin u l-vettura ta' trasport m'għandhiex tinżamm wieqfa għal ħin aktar milli meħtieġ.

(6) Fejn meħtieġ, u sakemm dan ma jkunx jikkostitwixxi periklu għas-sigurtà, jistgħu jittieħdu kampjuni tal-merkanzija trasportata għall-ittestjar f'laboratorji approvati mill-awtorità kompetenti.

Immobilizzazzjoni ta' vetturi b'infrazzjoni.

13. (1) Mingħajr preġudizzju għal penalitajiet oħra li jistgħu jkunu imposti, vetturi li jiksru wieħed jew aktar minn dawn ir-regolamenti, partikolarment infrazzjonijiet murija fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, jistgħu jiġu immobilizzati kemm fil-post jew f'xi post ieħor indikat għal dan l-iskop mill-awtoritajiet kompetenti li jkunu qed jagħmlu l-verifika.

(2) Il-vetturi kollha hekk immobilizzati jkunu jeħtieġu li jirrettifikaw kull nuqqas qabel ma jkomplu l-vjaġġ tagħhom jew ikunu soġġetti għal miżuri oħra xierqa, skond iċ-ċikostanzi jew rekwiżiti tas-sigurtà, inkluż fejn meħtieġ, ir-rifjut biex vetturi bħal dawn jitħallew jidħlu f'Malta jew fil-Komunità.

(3) Fejn infrazzjoni waħda jew aktar, partikolarment dawk imsemmija fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, kienu stabbiliti fil-każ ta' vetturi li f'dak il-waqt ikunu għand l-impriża, il-vettura ma titħalliex titlaq mill-bini kemm-il darba n-nuqqasijiet kollha ma jkunux ġew rettifikati u tkun f'konformità ma' miżuri oħra xierqa imposti fuq l-imsemmija vettura mill-awtorità kompetenti.

Taqsima IV

KONSULENTI TAS-SIGURTÀ

Eżenzjoni.

14. (1) Din it-Taqsima ma għandhiex tapplika għal impriżi involuti f'attivitajiet ta' trasport ta' merkanzija perikoluża li jkollhom fuq kull mezz ta' trasport kwantitajiet iżgħar minn dawk speċifikati fl-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kull dispożizzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fil-post tax-xogħol li tkun fis-seħħ f'dak iż-żmien f'Malta.

Ħatra ta' konsulenti tas-sigurtà.

15. (1) Impriżi involuti f'attivitajiet ta' trasport stradali ta' merkanzija perikoluża, għandhom jaħtru kull waħda minnhom konsulent wieħed jew aktar tas-sigurtà għat-trasport ta' merkanzija perikoluża.

(2) Il-konsulent tas-sigurtà għandu jassisti lill-impriża fit-teħid tal-passi meħtieġa biex timpedixxi r-riskji inerenti f'dawk l-attivitajiet fir-rigward ta' persuni, proprjetà u ambjent.

Id-doveri tal-konsulenti tas-sigurtà.

16. (1) Il-konsulent tas-sigurtà għandu taħt ir-responsabbiltà tal-kap ta' l-impriża, ifittex bil-mezzi kollha xierqa u bl-azzjoni kollha xierqa, li jiffaċilita t-tmexxija ta' l-attivitajiet ta' l-impriża skond ir-regoli applikabbli u bl-akbar sigurtà possibbli. Partikolarment hu għandu jagħmel id-dmirijiet imsemmija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti relevanti għall-attivitajiet ta' l-impriża.

(2) Il-konsulent jista' wkoll ikun il-kap ta' l-impriża, persuna bi dmirijiet oħra fl-impriża, jew persuna mhux direttament impjegata minn dik l-impriża, sakemm dik il-persuna tkun kapaċi twettaq id-dmirijiet ta' konsulent tas-sigurtà.

(3) Kull impriża in kwistjoni għandha, fuq talba li tagħmel, tinforma lill-awtorità kompetenti bl-identità tal-konsulent tagħha.

Ċertifikazzjoni ta' konsulent tas-sigurtà.

17. (1) Konsulent tas-Sigurtà għandu jkollu ċertifikat tad-DGSA maħruġ mill-awtorità kompetenti jew mill-awtorità kompetenti ta' Parti li tkun Stat, liema ċertifikat ikun biss validu għall-forma jew forom ta' trasport in kwistjoni.

(2) Kandidati li jixtiequ jiksbu Ċertifikat tad-DGSA għandhom isegwu taħriġ u jgħaddu minn eżami approvat mill-awtorità kompetenti.

(3) L-għanijiet ewlenin tat-taħriġ għandhom jipprovdu lill-kandidati għarfien suffiċjenti tar-riskji inerenti fit-trasport ta' merkanzija

perikoluża, tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi applikabbli għall-forom ta' trasport konċernat u tad-dmirijiet imsemmija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(4) L-eżami għandu jkopri mill-anqas is-suġġetti msemmija fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. Iċ-Ċertifikat tad-DGSA għandu jkun fil-forma li tidher fil-Ħames Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Ċertifikat tad-DGSA.

18. Iċ-Ċertifikat ta' Konsulent dwar Sigurtà minn Oġġetti Perikoluży (DGSA) msemmi fir-regolament preċedenti għandu jkun validu għal perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin. Il-perijodu ta' validità taċ-Ċertifikat tad-DGSA għandu jkun estiż awtomatikament għal ħames snin kull darba fejn, matul l-aħħar sena qabel l-iskadenza, il-possessur ikun segwa korsijiet ta' aġġornament jew għadda minn eżami, li t-tnejn li huma għandhom ikunu approvati mill-awtorità kompetenti skond regolamenti sussidjarji li l-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jagħmel permezz ta' avviż legali.

Rapporti.

19. Kulmeta inċident ikun jolqot lil kull persuna, proprjetà jew lill-ambjent jew jirriżulta f'danni lill-proprjetà jew lill-ambjent waqt attivitajiet ta' trasport mill-impriża in kwistjoni, il-konsulent għandu, wara li jiġbor l-informazzjoni kollha rilevanti, iħejji rapport dwar l-inċident għat-tmexxija ta' l-impriża. Dan ir-rapport għandu jkun disponibbli għall-awtorità kompetenti fuq talba li ssir għaldaqshekk;

Iżda dan ir-rapport ma għandu jissostitwixxi ebda rapport li jsir mit-tmexxija ta' l-impriża u li jkun meħtieġ taħt kull leġislazzjoni oħra internazzjonali, tal-Komunità jew nazzjonali.

Eżamijiet.

20. (1) L-awtorità kompetenti, jew il-korp responsabbli mill-eżamijiet, għandu jorganizza eżami obbligatorju bil-miktub li jista' jissupplimenta ma' eżami orali mnejn johrog jekk il-kandidati jkunux jippossjedu l-livell ta' għarfien meħtieġ biex jagħmlu x-xogħol ta' konsulent ħalli jottjenu ċ-Ċertifikat tad-DGSA, skond ir-Raba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Iċ-Ċertifikat tad-DGSA għandu jindika bl-aktar mod ċar li jkun validu biss għat-tip jew tipi jew klassifika jew klassifiki ta' merkanzija li dwarhom il-konsulent kien eżaminat skond ir-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti.

Taqsima V

IT-TRASPORT TA' SUSTANZI U OĠĠETTI SPLUŻIVI

Eżenzjoni.

21. (1) Din it-Taqsima ma tapplikax għall-ġarr ta':

(a) Sustanzi li m'humiex minnhom infushom splużivi iżda li jistgħu joħolqu taħlita splużiva ta' gass, fwar jew trab;

(b) splużivi mxarrba bl-ilma jew bl-alkoħol fejn l-ammont ta' ilma jew alkoħol jeċċedi l-limiti speċifikati u dawk li jkollhom il-plastik;

(ċ) splużivi li, abbażi tal-periklu predominanti tagħhom, huma klassifikati bħala perossidi organiċi;

(d) oġġetti li jkollhom fihom sustanzi splużivi jew pirotekniċi f'ammonti żgħar jew ta' xorta li l-ħruq jew inizjazzjoni involontarja jew aċċidentali tagħhom waqt il-ġarr ma jkun jikkawża ebda manifestazzjoni esterna lill-oġġett permezz ta' projezzjoni, nar, duħħan, sħana jew ħoss qawwi.

(2) Ir-regolamenti f'din it-Taqsima għandhom ikunu bla preġudizzju għal xi regolamenti oħra maħruġa mill-Ministru minn żmien għal żmien dwar il-ġarr ta' materjal ta' Klassi 1 jew ta' xi merkanzija perikoluża oħra.

(3) Din it-Taqsima hi applikabbli għal vetturi klassifikati "EX/II" u "EX/III" li jintużaw fil-ġarr ta' materjal ta' Klassi I, kif stipulat fl-Anness B ta' l-ADR

Materjal għall-ippakkjar.

22. (1) Fit-trasport internazzjonali, is-sustanzi u oġġetti splużivi kollha trasportati fit-toroq f'Malta għandhom ikunu trasportati f'materjal ta' ppakkjar approvat kif preskritt fl-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR, skond is-sustanzi jew oġġetti trasportati.

(2) F'operazzjonijiet ta' trasport nazzjonali, is-sustanzi u l-oġġetti splużivi kollha trasportati fit-toroq f'Malta għandhom ikunu trasportati f'materjal ta' ppakkjar approvat kif preskritt bil-miktub mill-awtorità kompetenti, għall-merkanzija li tkun qiegħda tinġarr.

Vetturi ġodda tajbin għat-triq.

23. (1) Il-vetturi kollha maħsuba biex jittrasportaw sustanzi jew oġġetti splużivi taħt din it-Taqsima għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha f'Anness B ta' l-ADR, skond il-merkanzija li tkun qed tinġarr.

(2) Il-vetturi ġodda kollha għandhom ikunu ċertifikati korrettement li huma tajbin għat-triq.

(3) Il-vetturi ġodda kollha għandhom ikunu spezzjonati u verifikati mill-awtoritajiet kompetenti.

(4) Il-vetturi ġodda kollha li jiġu ċertifikati li huma tajbin għat-triq u li jiġu ċertifikati mill-awtoritajiet kompetenti li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha ta' dawn ir-regolamenti għandu jinħarġilhom ċertifikat ta' approvazzjoni, skond is-Sitt Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, sabiex il-vettura titħalla tintuża fil-ġarr ta' merkanzija f'din it-Taqsima. Iċ-Ċertifikat jintwera meta dan jintalab bħala prova li l-vettura tkun tikkonforma ma' dawn ir-regolamenti.

Vetturi eżistenti tajbin għat-triq.

24. (1) Il-vetturi kollha eżistenti użati fil-ġarr ta' sustanzi u oġġetti splużivi taħt din it-Taqsima qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi msemmija fil-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament.

(2) Il-vetturi eżistenti kollha għandhom:

(a) ikunu ċertifikati korrettement li huma tajbin għat-triq u li għandhom ċertifikat validu li huma tajbin għat-triq;

(b) ikollhom makna li taħdem bid-*diesel*;

(ċ) ikollhom spazju għall-merkanzija maħdum minn metall u li jrid ikun iżolat kompletament mix-xufier jew kull persuna oħra fuq il-vettura;

(d) il-parti tal-merkanzija għandha tkun magħluqa għal kollox minn kull naħa u tissakkar. Jekk il-parti tal-merkanzija tkun miftuħa, il-vettura għandu jkollha *head side* u bieba fin-naħa ta' wara u t-tagħbija għandha tkun kompletament miksija permezz ta' trapolin li minnu ma jgħaddix ilma u li jkun reżistenti għan-nar;

(e) il-kabina tax-xufier għandha tkun magħmula minn metall u magħluqa għal kollox.

(3) Il-vetturi eżistenti kollha li huma konformi għal kollox mar-rekwiżiti hawn qabel imsemmija jistgħu jġorru oġġetti u sustanzi splużivi taħt din it-Taqsima iżda l-vettura għandha turi t-tagħrif kollu msemmi fl-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR.

(4) Is-sustanzi u l-oġġetti splużivi kollha taħt din it-Taqsima li jkunu se jiġu trasportati għandhom ikunu f'kull ħin stivati fis-sod.

(5) Is-sustanzi u l-oġġetti splużivi kollha taħt din it-Taqsima li jkunu se jiġu trasportati għandhom ikunu ippakkjati, immarkati, stivati u, jew segregati skond kif preskritt Anness A u l-Anness B ta' l-ADR.

Tagħbija mħallta m'hix permessa kemm-il darba s-sustanzi jew l-oġġetti ma jkunux kompatibbli.

Ċertifikazzjoni tax-xufier.

25. (1) Ix-xufiera kollha kemm ta' vetturi ġodda u dawk eżistenti għandu jkollhom Ċertifikat ta' Taħriġ ADR għal Xufiera ta' Vetturi li Jġorru Merkanzija Perikoluża, skond kif hemm stipulat fid-Disa' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, maħruġ mill-awtorità kompetenti jew mill-awtorità kompetenti ta' Parti li tkun Stat ieħor, li jkun validu għall-forma ta' trasport in kwistjoni.

(2) Kandidati li jixtiequ jakkwistaw Ċertifikat ta' Taħriġ ADR għal Xufiera ta' Vetturi li Jġorru Merkanzija Perikoluża għandhom isegwu taħriġ u jgħaddu minn eżami approvat mill-awtorità kompetenti.

(3) L-għanijiet ewlenin tat-taħriġ għandhom ikunu tali li jipprovdu lill-kandidati konoxxenza suffiċjenti tar-riskji inerenti fil-ġarr ta' sustanzi u oġġetti perikolużi u tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi applikabbli għall-forom ta' trasport in kwistjoni u tad-dmirijiet imsemmija fl-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR.

(4) Kull persuna li takkumpanja lix-xufier fil-vettura għandha wkoll tkun fil-pussess ta' Ċertifikat ta' Taħriġ ADR għal Xufiera ta' Vetturi li Jġorru Merkanzija Perikoluża.

Taqsima VI

REKWIŻITI ĠENERALI DWAR IL-KONFORMITÀ TA' ĊERTI VETTURI U Ċ-ĊERTIFIKAZZJONI TA' L-EKWIPAĠĠI BIEX IĠORRU MERKANZIJA PERIKOLUŻA

Applikabbiltà.

26. (1) L-applikazzjoni ta' din it-Taqsima hi bla preġudizzju għall-applikabbiltà tat-Taqsimiet l-oħra u ta' l-Iskedi li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti u l-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR.

(2) Din it-Taqsima hi applikabbli għal vetturi klassifikati "FL", "OX" u "AT".

Għall-fini ta' din it-Taqsima:

"FL" tfisser vettura intenzjonata għall-ġarr ta' likwidi li jkollhom temperatura ta' mhux aktar minn 61˚C (bl-eċċezzjoni ta' żejt *diesel* konformi ma' standard EN 590: 1993, gass, u *heating oil (light)*, – NU Nru 1202 – b'temperatura kif speċifikat fi standard

EN 590:1993) jew gassijiet li jieħdu n-nar, f'kontenituri ta' tankijiet, tankijiet li jinġarru jew MEGCs b'kapaċità ta' aktar minn $3m^3$, tankijiet immobbli jew tankijiet *demountable* b'kapaċità ta' aktar minn 1 m^3 jew *battery vehicle* b'kapaċità ta' aktar minn $1m^3$ maħsuba għall-ġarr ta' gassijiet li jieħdu n-nar;

"OX" tfisser vettura maħsuba għall-ġarr ta' perossidu, perossidu stabbli jew idroġenu, soluzzjoni milwiema stabilizzata b'aktar minn 60 fil-mija perossidu (Klassi 5.1, NU Nru 2015) f'kontenituri ta' tankijiet jew tankijiet li jinġarru b'kapaċità ta' aktar minn $3m^3$, tankijiet immobbli jew tankijiet *demountable* b'kapaċità ta' aktar minn $1m^3$;

"AT" tfisser vettura, minbarra FL jew OX, maħsuba għall-ġarr ta' merkanzija perikoluża f'kontenituri ta' tankijiet, tankijiet li jinġarru jew MEGCs b'kapaċità ta' aktar minn $3m^3$, tankijiet immobbli jew tankijiet *demountable* b'kapaċità ta' aktar minn $1m^3$ jew *battery vehicle* b'kapaċità ta' aktar minn 1 m^3 minbarra vettura FL.

Rekwiżiti ġenerali ta' vettura.

27. (1) Il-vetturi kollha tat-triq, inklużi *tractors* u *trailers* użati għall-ġarr ta' merkanzija perikoluża għandhom ikunu ċertifikati li huma tajbin għat-triq u jaqblu ma' l-għan li għalih ikunu qegħdin jintużaw.

(2) Il-vetturi kollha tat-triq, inklużi *tractors* u *trailers* użati għall-ġarr ta' merkanzija perikoluża għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha dwar is-sigurtà tal-prodott kif ikun fis-seħħ f'dak iż-żmien.

(3) Il-vetturi kollha tat-triq, inklużi *tractors* u *trailers* użati għall-ġarr ta' merkanzija perikoluża għandhom ikunu jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha preskritti f'Anness B ta' l-ADR.

Ċertifikazzjoni tal-Vettura.

28. (1) Il-vetturi kollha, *tractors* jew *trailers* klassifikati bħala "FL", "OX" u "AT" ikunu soġġetti għal verifika annwali u jekk jirriżulta li dawn il-vetturi jkunu tajbin għat-triq u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti, dawn għandhom ikunu ċertifikati bħala tali.

(2) Il-vetturi kollha, *tractors* jew *trailers* klassifikati bħala "FL", "OX" u "AT" għandhom ikunu verifikati mill-awtorità kompetenti biex jaċċertaw li dawn il-vetturi jkunu jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha preskritti f'Anness B ta' l-ADR.

(3) Il-vetturi kollha, *tractors* jew *trailers* verifikati b'suċċess minn kull test u spezzjoni għandu jinħarġilhom Ċertifikat ta' Approvazzjoni għal Vetturi li Jġorru Ċerta Merkanzija Perikoluża kif preskritt fis-Sitt Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, bla ħsara

madankollu għar-rekwiżiti msemmija fit-Taqsima VII ta' dawn ir-regolamenti dwar l-approvazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' tankijiet immobbli, kontenituri ta' tankijiet, tankijiet li jinġarru, kontenituri tal-gass b'element multiplu (MEGCs), u tankijiet *demountable*.

(4) Il-vetturi kollha ċertifikati taħt il-paragrafi preċedenti ta' dan ir-regolament jistgħu jintużaw kemm għat-trasport nazzjonali kemm dak internazzjonali, bla ħsara għar-rekwiżiti preskritti fl-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR.

Rekwiżit ta' Vettura.

29. Il-vetturi kollha, inklużi *tractors* u *trailers* użati għat-trasport ta' merkanzija perikoluża għandhom ikunu tajbin għat-triq u jaqblu ma' l-għan li għalih ikunu qegħdin jintużaw.

Vetturi Eżistenti Mhux Iċċertifikati

30. (1) Il-vetturi eżistenti kollha użati fit-trasport ta' merkanzija perikoluża f'Malta li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti preskritti f'Anness B ta' l-ADR, jew xi rekwiżiti msemmija fit-Taqsima VII ta' dawn ir-regolamenti, ma jikkwalifikawx għall-ħruġ ta' Ċertifikat ta' Approvazzjoni għal Vetturi li Jġorru Ċerta Merkanzija Perikoluża.

(2) Il-vetturi eżistenti kollha kif imsemmi fil-paragrafu preċedenti ma jistgħux jintużaw għat-trasport internazzjonali ta' merkanzija perikoluża.

(3) Il-vetturi eżistenti kollha kif imsemmi fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament jistgħu jintużaw għat-trasport internazzjonali ta' merkanzija perikoluża, bil-kondizzjoni li:

(a) Il-vettura tkun soġġetta għall-verifika annwali li tkun tajba għat-triq u tkun miżmuma f'kundizzjoni li tista' tintuża b'sigurtà;

(b) it-tank, il-kontenitur ta' tank, il-kontenitur ta' gass b'element multiplu (MEGCs) u tank *demountable* mwaħħal ma', jew immexxi b'vetturi, għandu jkun soġġett għal spezzjonijiet regolari u perijodiċi u, jew verifiki mitluba mill-awtorità kompetenti;

(ċ) ix-xufier ikollu ċ-ċertifikat ta' Taħriġ ADR meħtieġ għal Xufiera ta' Vetturi li Jġorru Merkanzija Perikoluża, kif imsemmi fir-regolament 25 aktar 'il fuq, jew li jkun tħarreġ kif dovut skond il-merkanzija perikoluża li tkun qed tinġarr u l-kwantità ta' merkanzija li tkun qed tinġarr;

(d) il-vettura u t-tagħbija tagħha, inklużi t-tank, il-kontenitur ta' tank, il-kontenitur ta' gass b'element multiplu (MEGCs) u t-

tankijiet *demountable* ikollhom pjanċa u tikketta bit-tagħrif kollu fuqhom skond kif meħtieġ fl-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR.

Ċertifikazzjoni tax-Xufiera.

31. (1) Ix-xufiera kollha kemm ta' vetturi ġodda u użati għandu jkollhom Ċertifikat ta' Taħriġ ADR għal Xufiera ta' Vetturi li Jġorru Merkanzija Perikoluża, kif indikat fis-Seba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, maħruġ mill-awtorità kompetenti jew mill-awtorità kompetenti ta' Parti oħra li tkun Stat, li jkun validu għall-forma ta' trasport in kwistjoni.

(2) Kandidati li jixtiequ jakkwistaw Ċertifikat ta' Taħriġ ADR għal Xufiera ta' Vetturi li Jġorru Merkanzija Perikoluża għandhom isegwu taħriġ u jgħaddu minn eżami approvati mill-awtorità kompetenti.

(3) L-għanijiet ewlenin tat-taħriġ għandhom jipprovdu lill-kandidati b'għarfien suffiċjenti tar-riskji inerenti fit-trasport ta' sustanzi u oġġetti perikoluża, tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi applikabbli għall-forom ta' trasport in kwistjoni u tad-dmirijiet imsemmija fl-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR.

(4) Kull persuna li takkumpanja lix-xufier fil-vettura għandha wkoll tkun fil-pussess ta' Ċertifikat ta' Taħriġ ADR għal Xufiera ta' Vetturi li Jġorru Merkanzija Perikoluża.

Taqsima VII

L-UŻU TA' TANKIJIET, KONTENITURI TAT-TANKIJIET, KONTENITURI TA' GASS B'ELEMENT MULTIPLU (MEGCs), TANKIJIET *DEMOUNTABLE* U TAGĦMIR TRASPORTABBLI TA' PRESSA

L-użu ta' tankijiet, konteniturі tat-tankijiet, eċċ

32. (1) It-tankijiet kollha, konteniturі tat-tankijiet, konteniturі ta' gass b'element multiplu (MEGCs), tankijiet *demountable* u tagħmir trasportabbli ta' pressa użati fil-ġarr ta' merkanzija perikoluża għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti msemmija fl-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR.

(2) L-awtorità kompetenti tista' f'kull ħin tivverifika dawk it-tankijiet, konteniturі tat-tankijiet, konteniturі ta' gass b'element multiplu (MEGCs), tankijiet *demountable* u tagħmir trasportabbli ta' pressa biex taċċerta konformità mar-rekwiżiti murija fl-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR u biex taċċerta li t-tankijiet jew konteniturі użati jkunu xierqa u ddisinjati għat-trasport mingħajr ebda periklu ta' merkanzija perikoluża.

(3) L-awtorità kompetenti tista' tordna lis-sid ta' dawn it-tankijiet, konteniturituri tat-tankijiet, konteniturituri ta' gass b'element multiplu (MEGCs), tankijiet *demountable* u tagħmir trasportabbli ta' pressa biex jieqaf għal verifika f'kull post magħżul għaldaqstant mill-awtorità kompetenti għal dak il-għan.

(4) Il-verifiki għandhom isiru fuq it-tankijiet, konteniturituri tat-tankijiet, konteniturituri ta' gass b'element multiplu (MEGCs), tankijiet *demountable* u tagħmir trasportabbli ta' pressa kollha ġodda kif ukoll fuq it-tankijiet, konteniturituri u tagħmir trasportabbli ta' pressjoni eżistenti u li jintużaw fit-trasport ta' merkanzija perikoluża.

(5) Il-verifiki li għandhom isiru jistgħu jinbidlu mill-awtorità kompetenti minn żmien għal żmien sabiex din taċċerta t-trasport mingħajr ebda periklu ta' merkanzija perikoluża.

Ċertifikat ta' konvenjenza.

33. (1) Jekk it-tankijiet, konteniturituri tat-tankijiet, konteniturituri ta' gass b'element multiplu (MEGCs), tankijiet *demountable* u tagħmir trasportabbli ta' pressa jinstabu li huma tajbin u kostruwiti għat-trasport mingħajr ebda periklu ta' merkanzija perikoluża u jissodisfaw ukoll ir-rekwiżiti ta' l-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR, jinħareġ ċertifikat mill-awtorità kompetenti.

(2) Dan iċ-ċertifikat ikun validu għal perijodu ta' mhux aktar minn sena, u meta jeskadi, it-tankijiet, konteniturituri tat-tankijiet, konteniturituri ta' gass b'element multiplu (MEGCs), tankijiet *demountable* u tagħmir trasportabbli ta' pressa kollha għandhom ikunu verifikati qabel ikun jista' jinħareġ ċertifikat ġdid.

Tankijiet eżistenti li qed joperaw.

34. It-tankijiet, konteniturituri tat-tankijiet, konteniturituri ta' gass b'element multiplu (MEGCs), tankijiet *demountable* u tagħmir trasportabbli ta' pressa kollha eżistenti li qed joperaw u li m'humiex ċertifikati kif imsemmi fir-regolament 33 hawn fuq jistgħu jintużaw biss fit-trasport nazzjonali wara li l-imsemmija tankijiet, konteniturituri tat-tankijiet, konteniturituri ta' gass b'element multiplu (MEGCs), tankijiet *demountable* u tagħmir trasportabbli ta' pressa jiġu verifikati mill-awtoritajiet kompetenti u ċertifikati li jistgħu jintużaw mingħajr ebda periklu.

Spezzjonijiet u verifiki.

35. (1) Il-verifiki li għandhom isiru, jistgħu jkunu varjati mill-awtorità kompetenti minn żmien għal żmien biex ikun assigurat ġarr bla periklu ta' merkanzija perikoluża.

(2) Il-verifiki kollha għandhom isiru f'post magħżul għaldaqshekk mill-awtorità kompetenti u minn persuni awtorizzati mill-awtorità kompetenti għal dak il-għan.

(3) L-awtorità kompetenti tista' f'kull żmien tordna li ssir verifika oħra jekk l-awtorità kompetenti tkun raġonevolment tissuspetta li l-persuna li għamlet il-verika ma kinitx kompetenti jew jekk għal xi raġuni oħra tissuspetta li s-sigurtà tal-ġarr ta' merkanzija perikoluża, kienet, jew tista' tkun kompromessa.

(4) L-awtorità kompetenti għandha, minn żmien għal żmien, toħroġ linji ta' gwida dwar l-ispezzjonijiet u l-verifiki kollha taħt din it-Taqsima.

Tagħrif bil-miktub.

36. It-tankijiet, kontenituri tat-tankijiet, kontenituri ta' gass b'element multiplu (MEGCs), tankijiet *demountable* u tagħmir trasportabbli ta' pressa kollha jridu jkunu immarkati sew u juru t-tagħrif kollu bil-miktub kif mitlub fl-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR.

Projbizzjoni ta' l-użu ta' tankijiet eċċ.

37. L-awtorità kompetenti tista' f'kull żmien tissospendi l-użu ta' kull tank, kontenitur tat-tankijiet, kontenitur ta' gass b'element multiplu (MEGCs), tank *demountable* u tagħmir trasportabbli ta' pressa, jekk l-awtorità kompetenti msemmija ma tkunx ċerta mis-sigurtà kontinwa tiegħu f'operazzjonijiet li jinvolvu l-ġarr ta' merkanzija perikoluża fuq l-art.

Immarkar.

38. (1) It-tankijiet, kontenituri tat-tankijiet, kontenituri ta' gass b'element multiplu (MEGCs), tankijiet *demountable* u tagħmir trasportabbli ta' pressa kollha għandhom juru marka ċara u leġibbli li tindika li t-tank, kontenitur jew tagħmir ta' pressa jkunu konformi ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Fejn it-tankijiet, kontenituri tat-tankijiet, kontenituri ta' gass b'element multiplu (MEGCs), tankijiet *demountable* u tagħmir trasportabbli ta' pressa ma jkollhomx il-marka kif mitlub fil-paragrafu preċedenti, it-tankijiet, kontenituri tat-tankijiet, kontenituri ta' gass b'element multiplu (MEGCs), tankijiet *demountable* u tagħmir trasportabbli ta' pressa ma għandhomx jinħarġu għall-bejgħ fis-suq jew jintużaw għall-ġarr ta' merkanzija perikoluża.

Dokumentazzjoni.

39. (1) Il-persuni kollha li xtraw tankijiet, kontenituri tat-tankijiet, kontenituri ta' gass b'element multiplu (MEGCs), tankijiet *demountable* u tagħmir trasportabbli ta' pressa biex jintużaw fit-trasport ta' merkanzija perikoluża għandhom jippreżentaw lill-awtorità kompetenti d-dokumenti kollha relatati ma' l-imsemmija tank, kontenitur jew tagħmir ta' pressa u partikolarment iċ-ċertifikati u d-dokumenti kollha li jindikaw li t-tank, il-kontenitur u t-tagħmir ta' pressa jkunu konformi ma' dawn ir-regolamenti.

(2) L-awtorità kompetenti, jew kull korp jew persuni mqabbda għal hekk mill-awtorità kompetenti, għandhom iżommu rendikonti ta' din id-dokumentazzjoni kollha.

Taqsima VIII

TAĦRIĠ TA' PERSUNI INVOLUTI FIL-ĠARR TA' MERKANZIJA PERIKOLUŻA

Taħriġ ta' persunal.

40. Il-persuni kollha impjegati jew involuti f'attivitajiet ta' trasport ta' merkanzija perikoluża, għandhom jirċievu taħriġ fir-rekwiżiti li jirregolaw il-ġarr ta' merkanzija perikoluża adatti għar-responsabbiltajiet u d-dmirijiet tagħhom kif stabbilit fl-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR.

It-taħriġ għandu jipprovdih min iħaddem.

41. (1) Min iħaddem għandu jipprovdi taħriġ ta' għarfien ġenerali lill-persuni kollha impjegati minnu f'attivitajiet ta' trasport ta' merkanzija perikoluża biex dawn l-impjegati jsiru familjari mar-rekwiżiti ġenerali tad-dispożizzjonijiet għall-ġarr ta' merkanzija perikoluża msemmija fl-Anness A u l-Anness B ta' l-ADR.

(2) Fejn il-ġarr ta' merkanzija perikoluża jinvolvi operazzjoni multimodali ta' trasport, il-persuni kollha impjegati jew involuti f'attivitajiet ta' ġarr ta' merkanzija perikoluża għandhom ukoll jingħataw taħriġ biex ikunu familjari mar-rekwiżiti dwar forom oħra ta' trasport.

Xorta u vastità tat-taħriġ.

42. (1) Proporzjonat mal-grad ta' riskju jew feriment jew espożizzjoni riżultanti minn inċident li jinvolvi l-attivitajiet ta' ġarr ta' merkanzija perikoluża, il-persuni kollha mħaddma jew involuti f'dawn l-attivitajiet ta' trasport, għandhom jirċievu, minn min iħaddimhom, taħriġ li jkopri riskji u perikli minn merkanzija perikoluża.

(2) It-taħriġ provdut għandu jwassal lill-persuni involuti jew impjegati f'attivitajiet ta' ġarr ta' merkanzija perikoluża għal konoxxenza dwar proċeduri ta' immaniġġjar mingħajr ebda periklu u rispons f'emerġenza.

(3) Il-persuni kollha involuti jew imħaddma fit-trasport ta' materjali radju-attivi Klassi 7 għandhom ukoll jirċievu minn min iħaddimhom, taħriġ adegwat dwar ir-riskji ta' radjazzjoni involuti u l-prekawzjonijiet li għandhom ikunu osservati biex jaċċertaw li la huma u lanqas persuni oħra li jistgħu jkunu effettwati mill-azzjonijiet tagħhom ma jkunu esposti.

(4) It-taħriġ kollu għandu jkun miżjud perijodikament b'taħriġ ta' aġġornament li jkun jiġbor fih kull tibdil fir-regolamenti fis-seħħ f'dak iż-żmien.

(5) Kull taħriġ ta' aġġornament għandu jkun provdut mill-anqas kull ħames snin.

Dettalji tat-taħriġ ta' l-impjegati.

43. (1) Il-korsijiet kollha ta' taħriġ offruti għandhom ikunu approvati mill-awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet kollha meħtieġa biex taċċerta li t-taħriġ ikun adegwat u effettiv.

(2) Kemm min iħaddem kif ukoll l-impjegati involuti f'kull trasport ta' merkanzija perikoluża għandhom iżommu dokumentazzjoni tat-taħriġ kollu li jkunu għamlu u d-dettalji kollha għandhom ikunu verifikati fil-bidu ta' impjieg ġdid.

(3) L-awtorità kompetenti tista' f'kull żmien titlob il-produzzjoni tad-dettalji dwar it-taħriġ ta' kull impjegat.

(4) Jekk l-awtorità kompetenti tkun tal-fehma li xi impjegat ma jkunx kwalifikat jew imħarreġ kif suppost, u konsegwentement is-sigurtà fil-ġarr ta' merkanzija perikoluża tista' tkun qiegħda tiġi ipperikolata, l-awtorità kompetenti tista' tieħu l-passi meħtieġa biex tissospendi, jew biex tordna t-taħriġ ta' l-imsemmi impjegat.

L-EWWEL SKEDA

(Regolament 12)

LISTA TA' VERIFIKI

Anness I dwar Lista ta' Verifiki tad-Direttivi dwar Proċeduri Uniformi ta' Monitoraġġ. Dan iċ-ċertifikat ta' spezzjoni hu ipprovdut skond id-Direttivi tal-Kunsill 95/50/EC u 2001/26/EC dwar proċeduri uniformi għall-verifika tat-trasport stradali ta' merkanzija perikoluża u tirrelata unikament għat-tagħrif miksub mill-verifika magħmula mill-firmatarju ta' dan id-dokument dwar il-vettura li għaliha qed issir riferenza u fil-post, data u ħin speċifikati. Dan iżda bla ħsara għar-riżultati ta' verifiki li diġà saru jew verifiki sussegwenti li saru jew li jistgħu jsiru skond din id-Direttiva jew taħt kull dispożizzjoni statutorja rilevanti u kull proċeduri legali li setgħu jew jistgħu jinbdew dwar kontravenzjoni anqas serja ta' xi dispożizzjoni minn dawn. Xejn f'dan iċ-ċertifikat ma għandu jittieħed bħala li jindika konformità mad-dispożizzjoni statutorja rilevanti jew li persuna tirrinunzja mill-obbligi statutorji taħt xi provediment minn dawn.

1. Post tal-verifika..... 2. Data ..... 3. Ħin .....

4. Marka tan-nazzjonalità tal-vettura u n-numru tar-reġistrazzjoni .....

5. Marka tan-nazzjonalità tat-*trailer/semi-trailer* u n-numru tar-reġistrazzjoni .....

6. Tip ta' vettura *Lorry* ☐ *rigid lorry* bi *draw-bar trailer* ☐ *articulated lorry b'semi-trailer* ☐

7. Impriża li qed twettaq it-trasport/indirizz ..... 8. Nazzjonalità .....

9. Xufier ..... 10. Sieħeb ix-xufier .....

11. Konsenjatur, indirizz, post tat-tagħbija (1) .....

12. Destinatarju, indirizz, post tal-ħatt (1) .....

13. Kwantità totali ta' merkanzija perikoluża kull forma tat-trasport .....

14. Marġinal 10 011 (kwanitajiet limitati) kwantità li eċċediet il-limitu Iva ☐ Le ☐

15. Trasportat b' *fixed tank* ☐ *removable tank* ☐ *tank container* ☐ *in bulk* ☐
container ☐ *package* ☐ *battery* vehicle ☐

Dokument(i) abbord	Spezzjonat	ksur ovju	mhux applikabbli
16. Trasport/ dokument(i) mehmuż(a)	☐	☐	☐
17. Struzzjonijiet bil-miktub	☐	☐	☐
18. Ftehim bilaterali/multilaterali/awtorizzazzjoni nazzjonali	☐	☐	☐
19. Ċertifikat ta' approvazzjoni tal-vettura	☐	☐	☐

Tagħbija fuq il-vettura u mmarkar	Spezzjonat	ksur ovju	mhux applikabbli
21. Merkanzija awtorizzata għat-trasport	☐	☐	☐
22. Merkanzija sfuża	☐	☐	☐
23. Trasport b'tank	☐	☐	☐
24. Trasport b'kontenitur	☐	☐	☐
25. Merkanzija awtorizzata skond it-tip tal-vettura	☐	☐	☐
26. Projbizzjoni ta' tagħbija mħallta	☐	☐	☐
27. Immaniġġjar u ħażna (2)	☐	☐	☐
28. Ħruġ ta' merkanzija jew ħsara fl-ippakkjar (2)	☐	☐	☐
29. Numru tan-NU/ tikketta ta' l-ippakkjar/ Kodiċi tan-NU dwar ippakkjar (1) (2)	☐	☐	☐
30. Marka tal-vettura u/jew kontenitur	☐	☐	☐
31. Tikketta (1) dwar periklu fit-trasport bit-tank jew b'volum	☐	☐	☐

Tagħmir tal-vettura	Spezzjonat	ksur ovju	mhux applikabbli
32. Lampa ta' l-idejn għal kull membru ta' l-ekwipaġġ fil-vettura	☐	☐	☐
33. Mill-anqas riffieda waħda għal kull vettura	☐	☐	☐
34. żewġ *self-standing warning signs*	☐	☐	☐
35. Għodda għat-tifi tan-nar	☐	☐	☐
36. *Warning vest* jew *warning clothing* adatt għal kull membru ta' l-ekwipaġġ tal-vettura	☐	☐	☐

37. Oħrajn/rimarki

38. Awtorità / l-Uffiċjal li spezzjona

(1) Għandu jingħad taħt 'rimaki' għal operazzjonijiet ta' trasport fi gruppi

(2) Verifika ta' vjolazzjonijiet viżibbli

IT-TIENI SKEDA

(Regolament 13)

KONTRAVENZJONIJIET

Kontravenzjoni tar-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija Perikoluża bil-Vetturi bil-Mutur tikkostitwixxi vjolazzjoni. Infrazzjonijiet bħal dawn tal-ġarr jinkludu:

1. merkanzija mhux awtorizzata għat-trasport;

2. nuqqas ta' dokumentazzjoni korretta dwar il-forma ta' trasport, kif ġej:

    a. dokumenti tat-trasport bit-tagħrif mitlub għall-merkanzija perikoluża kollha trasportata, u fejn xieraq, iċ-ċertifikat mitlub dwar l-ippakkjar tal-kontenitur.
    b. Struzzjonijiet mitluba bil-miktub (Karta ta' Emerġenza tat-Trasport), relatati mal-merkanzija perikoluża kollha trasportata.
    ċ. Fejn mitlub (tank u vetturi li jġorru l-isplużivi), iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni għall-forma ta' trasport jew element li għandu x'jaqsam miegħu;

3. f'każi ta' eżenzjonijiet relatati ma' kwantitajiet trasportati għal kull forma ta' trasport minghajr il-ħtieġa li jkunu applikati ċerti dispożizzjonijiet ta' l-ADR, in-nuqqas ta' approvazzjoni fuq id-dokumenti tat-trasport tal-kliem li ġej: "It-tagħbija ma teċċedix il-limiti ta' eżenzjoni tal-limitu preskritt";

4. pakketti mhux immarkati bin-numru tan-NU li jikkorrispondi għall-merkanzija perikoluża miżmuma fihom u minghajr it-tikketta adatta dwar il-periklu mwaħħla;

5. in-nuqqas ta' pjanċi f'forma rettangolari ta' speċifikazzjoni korretta u ta' kulur organġjo li jirrifletti mwaħħla waħda fuq quddiem u waħda fuq wara tal-forma ta' trasport li fuqha tkun qed tinġarr il-merkanzija perikoluża f'pakketti;

6. in-nuqqas fuq vetturi b'tankijiet, minbarra l-pjanċi msemmija fil-paragrafu 5 hawn fuq, tal-pjanċi oranġjo skond l-ispeċifikazzjonijiet korretti bin-numru tan-NU u n-numru ta' identifikazzjoni tal-periklu għal kull sustanza li tkun qed tinġarr, imwaħħla fuq il-ġemb tat-tank/tankijiet, paralelli mal-fus longitudinali tal-vettura;

7. ippakkjar li ma jikkonformax mat-tip ta' speċifikazzjonijiet mitluba dwar il-merkanzija perikoluża li jkun hemm fih;

8. tankijiet ta' kull tip li ma jikkonformawx mat-tip ta' speċifikazzjonijiet mitluba u r-rekwiżiti ta' konstruzzjoni għas-sustanzi li jkun hemm fihom;

9. il-mili aktar milli suppost ta' tankijiet, pakketti jew sistemi oħra ta' trażżin;

10. vetturi li, meta jiġu verifikati, juru ħruġ ta' sustanzi perikolużi kawża tal-fatt li t-tankijiet jew pakketti ma jkunux *leakproof* għal kollox;

11. vetturi mhux koperti bi ftehim bilaterali jew ftehim multilaterali jew mhux konformi ma' l-ADR;

12. in-nuqqas fuq il-vettura tal-għodod tat-tifi tan-nar kif mitlub;

13. in-nuqqas fuq il-vettura tat-tagħmir ta' sigurtà kif mitlub, partikolarment:

    a. żewġ *self-standing warning signs*.
    b. *warning vest* jew *clothing* adatti għal kull membru ta' l-ekwipaġġ.
    c. lampa ta' l-idejn għal kull membru ta' l-ekwipaġġ.
    d. mill-anqas riffieda waħda kull vettura.
    e. għodda tan-nifs (għal gassijiet tossiċi), jekk tkun tapplika din il-ħtieġa addizzjonali.
    f. l-apparat meħtieġ biex jittieħdu l-azzjonijiet addizzjonali u speċjali jekk issir riferenza għalihom fl-istruzzjonijiet bil-miktub (ara paragrafu 2b aktar 'il fuq).

14. ix-xufier mhux fil-pussess ta' ċertifikat xieraq dwar it-taħriġ vokazzjonali (is-Seba' Skeda) għall-ġarr ta' merkanzija perikoluża fuq l-art.

IT-TIELET SKEDA

(Regolament 16)

ID-DMIRIJIET TAL-KONSULENT TAS-SIGURTÀ

1. Il-konsulent għandu partikolarment dawn id-dmirijiet li ġejjin:

a) Monitoraġġ konformi mar-regoli dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża;

b) Jagħti pariri lill-impriża tiegħu dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża;

c) It-tħejjija ta' rapport annwali għall-maniġment ta' l-impriża tiegħu jew għal awtorità pubblika lokali, kif xieraq, dwar l-attivitajiet ta' l-impriża fit-trasport ta' merkanzija perikoluża. It-tali rapporti annwali għandhom jinżammu għal ħames snin u jkunu disponibbli lill-awtoritajiet nazzjonali meta mitluba minnhom.

2. Id-dmirijiet tal-konsulent jinkludu wkoll il-monitoraġġ tal-prattiċi u proċeduri li ġejjin, relatati ma' l-attivitajiet rilevanti ta' l-impriża:

a) il-proċeduri għall-konformità mar-regoli dwar l-identifikazzjoni tal-merkanzija perikoluża li tkun qed tinġarr;

b) il-prattika ta' l-impriża li tieħu f'kunsiderazzjoni, meta tkun qed tixtri mezzi ta' trasport, ta' rekwiżiti speċjali b'konnessjoni mal-merkanzija perikoluża li tkun qed tinġarr;

ċ) il-proċeduri għall-ivverifikar tat-tagħmir użat b'konnessjoni mat-trasport, tagħbija u ħatt ta' merkanzija perikoluża;

d) it-taħriġ xieraq ta' l-impjegati ta' l-impriża u ż-żamma ta' dettalji dwar dan it-taħriġ;

e) l-implimentazzjoni ta' proċedura xierqa ta' emerġenza f'każ ta' aċċident jew inċident li jista' jeffettwa is-sigurtà waqt it-trasport, tagħbija jew ħatt ta' merkanzija perikoluża;

f) jinvestiga, u fejn xieraq, iħejji rapporti dwar aċċidenti u inċidenti serji u infrazzjonijiet serji rekordjati waqt it-trasport, tagħbija u ħatt ta' merkanzija perikoluża;

ġ) l-implimentazzjoni ta' miżuri xierqa biex aċċidenti, inċidenti u infrazzjonijiet serji ma jirripetux ruħhom;

ħ) li jieħu kunsiderazzjoni ta' preskrizzjonijiet legali u rekwiżiti speċjali assoċjati mat-trasport ta' merkanzija perikoluża fl-għażla u l-użu ta' sub-kuntratturi jew partijiet terzi;

i) jivverifika li l-impjegati involuti fit-trasport, tagħbija u ħatt ta' merkanzija perikoluża għandhom proċeduri u struzzjonijiet dettaljati ta' operazzjoni;

j) l-introduzzjoni ta' miżuri biex jitkabbar l-għarfien tar-riskji inerenti fit-trasport, tagħbija u ħatt ta' merkanzija perikoluża;

k) l-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' verifika biex tkun aċċertata l-preżenza abbord il-mezzi ta' trasport tad-dokumenti u tagħmir ta' sigurtà li jmorru mat-trasport u l-konformità tat-tali dokumenti u tagħmir mar-regolamenti;

l) l-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' verifika biex tkun aċċertata l-konformità mar-regoli dwar tagħbija u ħatt.

IR-RABA' SKEDA

(Regolament 17, Regolament 20)

KWALIFIKI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TAD-DGSA

Il-konoxxenza meħtieġa biex wieħed jikkwalifika għaċ-ċertifikat tad-DGSA għandha tinkudi mill-anqas dan li ġej:

I. Miżuri ġenerali ta' prevenzjoni u sigurtà:

a) konoxxenza tat-tipi ta' konsegwenzi li jistgħu jiġu kkawżati minn aċċident li jinvolvi merkanzija perikoluża; u

b) konoxxenza tal-kawżi ewlenin ta' l-aċċidenti.

II. Id-dispożizzjonijiet relatati mal-forma ta' trasport użat taħt il-liġi nazzjonali, *standards* tal-Komunità, konvenzjonijiet u ftehim internazzjonali, dwar dawn li ġejjin b'mod partikolari:

a. il-klassifika ta' merkanzija perikoluża:

i. il-proċedura biex ikunu klassifikati s-soluzzjonijiet u t-taħlit;
ii. l-istrutturi tad-diskrezzjoni tas-sustanzi;
iii. il-klassifiki tal-merkanziji perikoluži u l-prinċipji tal-klassifika tagħhom;
iv. ix-xorta tas-sustanzi perikoluži u ta' l-oġġetti trasportati; u
v. il-proprjetajiet fiżiċi, kimiċi u tossikoloġiċi;

b. rekwiżiti ġenerali dwar l-ippakkjar, li għandhom jinkludu tankijiet, kontenituri ta' tankijiet, MEGCs, u tagħmir ta' pressa:

i. tipi ta' ippakkjar, kodifikazzjoni u mmarkar;
ii. rekwiżiti ta' ippakkjar u preskrizzjonijiet għall-ittestjar ta' l-ippakkjar;
iii. l-istat ta' l-ippakkjar u verifiki perijodiċi;
iv. immarkar u tikketti dwar periklu;
v. l-immarkar fuq tikketti dwar periklu;
vi. it-tqegħid u t-tneħħija ta' tikketti dwar periklu; u
vii. kitba u tikketti;

ċ. riferenzi f'dokumenti tat-trasport:

i. informazzjoni fid-dokument tat-trasport; u
ii. id-dikjarazzjoni tal-konformità ta' min jikkonsenja;

d. il-metodu ta' konsenja u restrizzjonijiet fuq dispaċċ:

i. tagħbija sħiħa;
ii. trasport ta' merkanzija sfuża;
iii. trasport f'kontenituri kbar ta' merkanzija mhux ippakkjata;
iv. trasport ta' kontenituri;
v. trasport f'tankijiet fissi u li jitneħħew;
vi. it-trasport ta' passiġġieri;
vii. projbizzjonijiet u prekawzjonijiet relatati ma' tagħbija mħallta;
viii. is-segregazzjoni ta' sustanzi;
ix. limiti fuq il-kwantitajiet li jistgħu jinġarru u l-kwantitajiet eżentati;

e. immaniġġjar u stivar:

iii. tagħbija u ħatt *(filling ratios);*
iv. stivar u segregazzjoni;
v. tindif u/jew tneħħija tal-gass qabel it-tagħbija u wara l-ħatt;
vi. ekwipaġġi: taħriġ vokazzjonali;

f. dokumenti tal-vettura:

1. id-dokument tat-trasport,
2. struzzjonijiet bil-mitkub,
3. iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tal-vettura,
4. iċ-ċertifikat tat-taħriġ tax-xufier tal-vettura,
5. iċ-ċertifikazzjoni ta' taħriġ fi trasport f'kanali jew xmajjar,
6. kopji ta' derogi,
7. dokumenti oħra,
8. struzzjonijiet dwar sigurtà: implimentazzjoni ta' l-istruzzjonijiet u tat-tagħmir għall-protezzjoni tax-xufier;

ġ. obbligi ta' sorveljanza: ipparkjar;

ħ. regolamenti tat-traffiku u navigazzjoni u restrizzjonijiet;

i. ħruġ waqt ħidma jew aċċidentali ta' sustanzi li jniġġsu;

j. rekwiżiti relatati ma' tagħmir ta' trasport.

IL-ĦAMES SKEDA

(Regolament 17)

ĊERTIFIKAT TA' TAĦRIĠ BĦALA KONSULENT TAS-SIGURTÀ GĦAT-TRASPORT TA' MERKANZIJA PERIKOLUŻA

Formola taċ-Ċertifikat

Ċertifikat tat-taħriġ bħala konsulent tas-sigurtà għat-trasport ta' merkanzija perikoluża

Nru taċ-Ċertifikat .....

Is-sinjal li jiddistingwi l-Istat li ħareġ iċ-Ċertifikat .....

Kunjon .....

Isem/ismijiet .....

Data u post tat-twelid .....

Nazzjonalità .....

Firma ta' min għandu ċ-ċertifikat .....

Validu sa .....għal xogħol ta' trasport ta' merkanzija perikoluża u xogħol relatat ma' tagħbija u ħatt:

☐ fit-triq ☐ fuq linji ☐ f'kanali/xmajjar

Maħruġ minn: .....

Data: ..... Firma: .....

Estiż sa: ..... Minn: .....

Data: ..... Firma: .....

B 2444

IS-SITT SKEDA

(Regolament 23)

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI GĦAL VETTURI LI JĠORRU ĊERTA MERKANZIJA PERIKOLUŻA

Iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni għandu jkollu l-istess forma bħall-mudell ta' hawn taħt. Il-qisien għandhom ikunu 210 mm H 297 mm (daqs A4). Għandhom jintużaw kemm in-naħa ta' quddiem kif ukoll in-naħa ta' wara. Il-kulur għandu jkun abjad, bi strixxa roża diagonali. Iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni għal vettura ta' l-iskart b'tank operata permezz ta' *vacuum* għandha turi l-kliem li ġej: *"vacuumoperated waste tankvehicle"*.

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI GĦAL VETTURI LI JĠORRU ĊERTA MERKANZIJA PERIKOLUŻA

B'dan hu iċċertifikat li l-vettura speċifikata hawn taħt tissodisfa l-kundizzjonijiet preskritti mill-Ftehim Ewropew dwar il-Ġarr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija Perikoluża (ADR).

1. In-Nru taċ-ċertifikat	2. Il-manifattur tal-vettura	3. In-Nru ta' identifikazzjoni tal-vettura	3. In-Nru ta' identifikazzjoni tal-vettura (jekk jeżisti)

5. Isem u l-indirizz kummerċjali tat-trasportatur, operatur jew sid:

6. Deskrizzjoni tal-vettura: [1]

7. Titlu(i) tal-vettura skond 9.1.1.2 ta' l-ADR: [2]

8. Sistema ta' *endurance braking*: [3]
   - ☐ Mhux applikabbli
   - ☐ L-effikaċja skond 9.2.3.3. ta' l-ADR hi biżżejjed għall-massa totali tal-*unit* tat-trasport ta' .....t [4]

9. Deskrizzjoni tat-tank(ijiet) fiss(i) / vettura bil-batterija (jekk teżisti):
   - 9.1 Manifattur tat-tank:
   - 9.2 Nru ta' approvazzjoni tat-tank / vettura bil-batterija:
   - 9.3 Nru tas-serje tal-manifattur tat-tank / identifikazzjoni ta' l-elementi tal-vettura bil-batterija:
   - 9.4 Sena tal-manifattura:
   - 9.5 Kowd tat-tank skond 4.3.3.1. jew 4.3.4.1 ta' l-ADR:
   - 9.6 Provvedimenti speċjali skond 6.8.4. ta' l-ADR (jekk applikabbli):

10. **Merkanzija perikoluża awtorizzata biex tinġarr:**
    Il-vettura tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-ġarr ta' merkanzija perikoluża assenjata lit-titlu(i) tal-vettura f'Nru 7

10.1 Fir-rigward ta' vettura EX/II jew EX/III [3]
- ☐ oġġetti ta' l-1 Klassi inkluż il-grupp ta' kompatibbiltà I
- ☐ oġġetti ta' l-1 Klassi eskluż il-grupp ta' kompatibbiltà I

10.2 Fir-rigward ta' vettura-tank/vettura bil-batterija [3]
- ☐ jistgħu jinġarru biss is-sustanzi permessi mill-kowd tat-tank u kwalunkwe provvedimenti speċjali speċifikati f'Nru 9 [5]
  jew
- ☐ jistgħu jinġarru biss is-sustanzi li ġejjin (Klassi, numru tan-NU, u jekk meħtieġ il-grupp ta' ippakkjar u l-isem proprju tal-ġarr bil-bahar:

Jistgħu jinġarru biss dawk is-sustanzi li ma jirreaġixxux b'mod perikoluż mal-materjal li minnu jkunu magħmula l-qoxra, il-gaskets, it-tagħmir u l-kisi protettiv (fejn applikabbli).

[1] Skond id-definizzjonijiet ta' muturi misjuqa minn mutur u għal trailers fil-kategoriji N u O kif definit fl-Anness 7 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata fuq il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3) jew fid-Direttiva 97/27/EC.

[2] Ħassar fejn m'hux adatt.

[3] Immarka fejn adatt.

[4] Daħħal il-valur adatt. Valur ta' 44t ma jillimitax il-"massa massima permissibbli għas-servizz / reġistrazzjoni" indikata fid-dokumenti (i) tar-reġistrazzjoni.

[5] Sustanzi assenjati lill-kowd tat-tank speċifikat fin-Nru 9 jew lil xi kowd iehor tat-tank permessibbli taht il-ġerarkija f'4.3.3.1.2. jew 4.3.4.1.2., bit-teħid f'kunsiderazzjoni ta' provvediment(i) speċjali, jekk jeżistu.

11. Rimarki:	
12. Validu sa:	Timbru tas-servizz li minnu qed jinhareġ Post, data, firma
13. Estensjoni tal-validità	
Il-validità estiża sa	Timbru tas-servizz li minnu qed tinhareġ, post, data, firma

NOTA: Dan iċ-ċertifikat għandu jitradd lura lis-servizz li minnu jkun inħareġ meta l-vettura tkun irtirata mis-servizz; jekk il-vettura tiġi trasferita lil xi trasportatur, operatur jew sid ieħor, kif speċifikat f'Nru 5; meta tispiċċa l-validità taċ-ċertifikat; u jekk hemm bdil materjali f-waħda jew aktar mill-karatteristiċi essenzjali tal-vettura.

IS-SEBA' SKEDA

(Regolament 25)

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT GĦAT-TAĦRIĠ TA' XUFIERA TA' VETTURI LI JĠORRU MERKANZIJA PERIKOLUŻA

Mudell taċ-ċertifikat

1	2
ADR – ĊERTIFIKAT TAT-TAĦRIĠ GĦAL XUFIERA TA' VETTURI LI JĠORRU MERKANZIJA PERIKOLUŻA F'tankijiet [1] oħrajn minbarra f'tankijiet [1]	Kunjom…… Isem/ismijiet ……
Nru taċ-ċertifikat ……	Data tat-twelid ……
	Nazzjonalità ……
Sinjal li jiddistingwi l-Istat li qed joħorġu ……..	Firma ta' min għandu ċ-ċertifikat ……
Validu għall-klassifika (ki) [1] [2]	Maħruġ minn: ……
f'tankijietoħrajn minbarra f'tankijiet	Data: ……
1 1 2 2 3 3 4.1, 4.2, 4.3 4.1, 4.2, 4.3 5.1, 5.2 5.1, 5.2 6.1, 6.2 6.1, 6.2 7 7 8 8 9 9 Sa (data) [3]	Firma [4] …… Imġedded sa …….. Minn: …… Data …… Firma [4] ……
[1] Aqta' barra dak li ma japplikax [2] Dwar estensjonijiet għal klassifiki oħra ara paġna 3	[3] Għal tiġdid ara paġna 2 [4] u/jew siġill (jew boll ta' l-awtorità li minnha qed jinħareġ

3 ESTIŻI GĦAL KLASSIFIKA (KI) [5]	4 Għar-regolamenti nazzjonali biss
f'tankijiet 1 2 3 4.1, 4.2, 4.3 5.1, 5.2 6.1, 6.2 7 8 9	Data: …….. Firma u/jew siġill jew boll: ……..
oħrajn minbarra f'tankijiet 1 2 3 4.1, 4.2, 4.3 5.1, 5.2 6.1, 6.2 7 8 9	Data: …….. Firma u/jew siġill jew boll: ……..

[5] Aqta' barra dak li ma japplikax